MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1922/2003

**George Vella**

**Vs**

**Isabelle Zerafa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma ohra verjuri, hekk kif jirrizulta waqt il-provi tal-kawza rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta mill-konvenuta lill-attur in konnessjoni ma' somom ta' flus li gew affidati lill-konvenuta mill-attur qabel illum u li ma gewx minnha ritornati nonostante diversi nterpellazzjonijiet sabiex taghmel hekk u taghti rendikont ta' dawn il-flejjes skond il-ligi.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, illi bla pregudizzju

ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa esagerat u li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Paul Gambina, George Vella, Maria Theresa Busuttil, il-konvenuta u Marianna Zerafa.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati Dr Noel Bartolo u Dr Shaheryar Ghaznavi.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet kienu jahdmu flimkien fl-istamperija fl-Universita' u jidher evidenti li dak iz-zmien kien hemm relazzjonijiet ta' fiducja tajbin bejniethom. L-attur kien jaf li l-konvenuta taghmel xoghol ta' *interior designer* u billi xtara flat ghal bintu f'Tas-Sliema u ried jiddekorah, ftiehem li l-konvenuta tiftah current account f'isimha fil-fergha tal-Bank of Valletta, fl-Universita'. L-attur ghamel depozitu inizjali ta' seba' t'elef u sittin lira Maltin (Lm7,060) f'Marzu 2001. Hi kienet l-unika firmatarja ta' dan il-kont. Saru depoziti ohra li kollha saru minn flus l-attur. Is-sistema bdiet timxi u fil-fatt il-konvenuta kienet taghmel ic-*cheques* u tghaddihom lill-attur biex hu jkun jista' jhallas l-ispejjez.

Gie zmien meta r-relazzjonijiet bejn il-partijiet ma baqghux tajbin u ddecidew li l-kont jinghalaq. Iltaqghu l-bank u l-kont gie maghluq u l-bilanc li kien hemm il-bank (hlief ghall-ammont sufficjenti biex jaghmel tajjeb ghal xi *cheques* li kienu ghadhom ma ssarfux) inghata lill-attur. Dakinhar il-laqgha kienet movimentata. L-attur pero' ma kellux *statements* f'idejh u ghalhekk ma setax jivverifika jekk l-ammont li nghata lilu kienx wiehed korrett.

Beda jitlob l-i*statements* u rendikont minghand il-konvenuta u baqghet ma tathomlux u mill-kalkoli li seta' jaghmel hu kien bl-idea li kien ghad fadlilha ttih bilanc. Talabha biex taghtih rendikont anki permezz ta' ittra nterpellatorja izda r-rendikont ma wasalx.

Il-konvenuta xehdet li d-depoziti kollha li saru fil-kont in kwistjoni, kienu kollha saru bi flus l-attur u fil-fatt hi zzid tghid li dan il-kont kien uzat esklussivament ghal skopijiet ta’ l-attur.

Mill-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Novembru, 2004 jidher li l-vertenza giet precizata biex tirrigwarda biss zewg transazzjonijiet minn dan il-kont u cjoe’ *withdrawal* ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) fl-20 t’Awissu, 2001 u kif ukoll il-veru skop ta’ *cheque* numru 16 mahrug fit-13 t’Awissu, 2001 fl-ammont ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700) – total ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

<u>Dwar ic-*cheque* ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700)</u>

Ghar-rigward tac-*cheque* ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700) jirrizulta li dan hareg fit-13 t’Awissu, 2001 u huwa ntestat fuq Ms Isabelle Zerafa u ffirmat minnha stess. Fuq wara ta’ l-istess *cheque* hemm il-firma ta’ l-istess Isabelle Zerafa izda hemm ukoll il-firma ta’ l-attur. Isabelle Zerafa spjegat li dan ic-*cheque* sar fuq talba ta’ l-istess attur u li hija ffirmatu u tatu lilu. Imbaghad x’ghamel bih ma tafx izda presumabilment hija tissoponi li fil-fatt mar il-bank u kkaxxja l-istess *cheque* u dan billi hemm il-firma tieghu fuq wara ta’ l-istess *cheque*.

L-attur ghall-bidu xehed li ma setax jiftakar din l-okkazjoni izda mbaghad fil-kontro-ezami qal li dan ic-*cheque* kien verament sarrfu, ha l-flus u silef l-istess flus lil Isabelle Zerafa fi flus kontanti.

Certament fuq dan l-aspett hemm kunflitt fix-xhieda tal-partijiet pero’, ghalkemm hemm hafna x’jista’ jinghad dwar liema miz-zewg verzjonijiet hija verosimili, t-Tribunal jidhirlu li m’hemmx ghalfejn jidhol f’dan l-aspett fir-rigward ta’ din il-kwistjoni. Il-premessi tal-kawza jikkostitwixxu l-binarju li fuqha tinsab imsejsa. L-atturipprezenta l-kawza fuq il-kawzali li qed jitlob restituzzjoni ta’ flus minnu fdati lill-konvenuta – cjoe’ “X’sar mill-flus li taha li gew iddepozitati fil-kont fuq imsemmi?”

Dawn is-seba' mitt lira Maltin (Lm700) inghataw lilu u dwar dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju. Ghalhekk dawn il-flus ma baqghux "flus minnu affidati" lill-konvenuta. X'ghamel b'dawn il-flus l-attur wara li sarraf ic-*cheque* ma jaqax fl-ambitu ta' din il-kawza. Hu jghid li silifhomlha. Il-kawza m'hijiex wahda dwar self izda dwar flus afdati minnu lill-konvenuta. Hu seta' tahomlha, seta' silifhomlha jew seta' ghamel bihom li ried pero' f'kull kaz dan l-aspett ma jaqax taht il-kawzali ta' din il-kawza u ghalhekk it-talba koncernanti s-seba' mitt lira Maltin (Lm700) ser tigi michuda.

<u>Dwar il-*withdrawal* tal-hames mitt lira Maltin (Lm500)</u>

Ghar-rigward tal-hames mitt lira Maltin (Lm500), il-konvenuta tghid illi l-attur kien gie ghandha d-dar gurnata nhar ta' Sibt wara nofsinhar u li kellu bzonn hames mitt lira Maltin (Lm500) f'idejh. Biex isir hekk, billi ma kienx hemm branch il-Fgura fejn toqghod hi, marret il-HSBC fejn hemm branch il-Fgura, gibdet hames mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm585) li minnhom zammet hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) ghaliha u tat il-hames mitt lira Maltin (Lm500) fi flus kontanti lill-attur. Il-ftehim kien li mbaghad *the following Monday* tigbed il-flus hi stess mill-kont in kwistjoni mill-branch ta' l-Universita'. Il-konvenuta ssostni li l-gurnata li tat il-flus lill-attur kienet il-gurnata tas-Sibt u li kienet gibdet il-flus mill-kont il-gurnata tat-Tnejn. Effettivament jirrizulta illi t-18 t'Awissu, 2001 kienet il-gurnata tas-Sibt u li l-gurnata tal-20 t'Awissu, 2001 kienet il-gurnata tat-Tnejn.

L-attur jichad enfatikament li huwa qatt mar id-dar tal-konvenuta u wisq anqas ma jaccetta li kienet il-konvenuta li tatu l-hames mitt lira Maltin (Lm500) fi flus kontanti fil-karozza kif xehdet il-konvenuta.

Il-konvenuta fix-xhieda taghha tat dettalji specifiki ta' kif saret it-transazzjoni izda l-attur min-naha tieghu cahad kategorikament li ha dawn il-flus. Huwa cahad li mar id-dar tal-konvenuta.

Xehdet omm il-konvenuta fuq dan l-aspett u t-Tribunal jidhirlu li x-xhieda taghha ma kienetx cara bizzejjed li minnha seta' jikkonkludi bla dubju li l-attur kien dahal id-dar ghand il-konvenuta.

It-Tribunal haseb daqsxejn fit-tul fuq dan l-aspett. Huwa principju ormai stabbilit illi min jallega pagament huwa obbligat jippruvah. Il-piz tal-prova tal-pagament mill-konvenuta lill-attur dwar dawn il-hames mitt lira Maltin (Lm500) tispetta lilha. Qabel kien hemm relazzjonijiet tajbin bejn il-partijiet, relazzjonijiet li permezz taghhom kienu jafdaw lil xulxin kwazi b'ghajnejhom maghluqin kemm minn parti kif ukoll minn ohra u sahansitra qatt ma ntalbu rcevuti minghand xulxin. Kif xehed l-attur, huwa kien jafda lill-konvenuta kompletament tant li meta nfetah il-kont in kwistjoni kien halliha jkollha awtorita' shiha fuq l-operat ta' dan il-kont. Jirrizulta wkoll illi t-transazzjonijiet, cjoe' *withdrawals* minn dan il-kont saru kollha permezz ta' *cheque* hlief ghal tlieta, cjoe' dan fuq imsemmi tal-hames mitt lira Maltin (Lm500), il-pagament ta' elf mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm1,285) li sar fit-3 ta' Settembru, 2001 meta dawn il-flus gew *transferred* direttament ghall-kont ta' l-attur u mbaghad is-somma ta' disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm29) meta l-kont inghalaq finalment u dawn id-disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm29) hadithom il-konvenuta u li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni.

Mill-banda l-ohra, l-*withdrawal* tal-hames mitt lira Maltin (Lm500) kien vicin hafna l-meeting tat-3 ta' Settembru, 2001 meta zgur ir-relazzjonijiet bejniethom ma tantx kienet tajba tant li dakinhar l-attur kellu juza forza u gidem lill-konvenuta biex irnexxielu jiehu l-i*statement* tal-bank minn idejha. (Vide wkoll id-dokument esebit). Ghaliex il-konvenuta wriet tant rezistenza dakinhar? Hi kienet taf li l-flus fil-kont kienu kollha ta' l-attur. Ghaliex ma tatux ir-rendikont u *statement* qabel il-prezentata tal-kawza? Ghaliex ma hargitx *cheque* fuq isem l-attur u talbitu jendorsjah favuriha?

It-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi kif kienu bejn il-partijiet dak iz-zmien kien ikun ghaqli li l-konvenuta zzomm record iffirmat mill-attur fuq dawn il-hames mitt lira Maltin

(Lm500).  It-Tribunal ma jistax b'konvinzjoni jasal ghall-konkluzjoni li dawn il-hames mitt lira Maltin (Lm500) verament thallsu mill-konvenuta lill-attur u galadarba l-flus fil-kont *ex admissis* jappartjenu lill-attur, hija obbligata troddhomlu lura.  Jigi partikolarment accennat illi fir-Risposta taghha, l-konvenuta wkoll ma kienetx daqstant certa w affermattiva billi qalet li l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) mitlub kien wiehed eccessiv.

Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur fir-rigward ta' dawn il-hames mitt lira Maltin (Lm500) ser tigi akkolta.

Finalment it-Tribunal ma jistax jinnota l-fatt li qabel ma giet intavolata din il-kawza l-konvenuta giet mitluba tikkonsenja *statements* u rendikonti izda naqset milli taghmel hekk.  Dawn l-i*statements* u rendikonti ma kienux accessibbli ghall-attur u ghalhekk meta pprezenta l-kawza odjerna kien qed jimxi bl-ghama minghajr ma jaf x'ser isib.

Ghal dan kollu tahti l-konvenuta u ghalhekk, minkejja li t-Tribunal mhux ser jilqa' t-talba ta' l-attur in toto, jidhirlu li din il-kawza ma kienetx tasal quddiem dan it-Tribunal kieku l-konvenuta tempestivament ottemperat ruhha ma' dak li gustament kien qed jigi mitlub minghandha, cjoe' li tipprezenta rendikont u kopji ta' l-i*statements* tal-bank.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur in parte u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. Ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------